# Gazzetta tal-Gvern ta' Malta

## The Malta Government Gazette

PUBBLIKATA B'AWTORITA' — PUBLISHED BY AUTHORITY

14,902

L-Erbgħa, 2 ta' Diċembru, 1987
Wednesday, 2nd December, 1987

Prezz 2c
Price 2c


## BILLS TAT-TEŻOR TAL-GVERN TA' MALTA

**Avviż Nru. 780**

L-*Accountant General* jirċievi offerti sa Lm27,500,000 għal *Bills* tat-Teżor ta' wieħed u disgħin ġurnata li jkunu maħruġin skond l-Att Nru. II ta' l-1952 dwar il-*Bills* tat-Teżor ta' Malta. L-offerti għandhom jaslu fl-Uffiċċju tat-Teżor, il-Furjana, sa l-10 ta' fil-għodu tal-ĦAMIS, l-10 ta' Diċembru, 1987.

2. Il-*Bills* ikunu għal Lm1,000 jew multipli ta' Lm1,000, ikunu bid-data tal-Ġimgħa, it-18 ta' Diċembru, 1987, u jitħallsu fl-Uffiċċju tat-Teżor il-Ġimgħa, it-18 ta' Marzu, 1988.

3. Min jagħmel offerta għandu jaċċetta kull sehem tas-somma li għaliha jkun xeħet l-offerta bl-istess prezz kull Lm100 bħal dak li għalih ikun għamel l-offerta għall-ammont sħiħ.

4. Ma titqies l-ebda offerta jekk ma ssirx fuq formola li tista' tiġi akkwistata mill-Uffiċċju tat-Teżor.

5. Dawk in-nies li jiġu aċċettati l-offerti tagħhom ikunu infurmati b'hekk l-għada u l-ħlas sħiħ ta' l-ammonti ta' l-offerti aċċettati jkollu jsir lill-*Accountant General* bi flus jew b'*cheques* fuq bank f'Malta mhux iżjed tard mill-10 ta' fil-għodu tad-data li biha jkunu iddatati dawk il-*Bills*.

## MALTA GOVERNMENT TREASURY BILLS

**Advertisement No. 780**

The Accountant General invites tenders for up to Lm27,500,000 ninety-one days Treasury Bills, to be issued under the Malta Treasury Bills Act II of 1952. The tenders will be received at the Treasury, Floriana, up to 10 a.m. on THURSDAY, 10th December, 1987.

2. The Bills will be for Lm1,000 or multiples of Lm1,000, will be dated Friday, 18th December, 1987, and be due for repayment at the Treasury on Friday, 18th March, 1988.

3. The tenderer shall accept any portion of the sum for which he has tendered at the same price per Lm100 as that for which he has tendered for the whole amount.

4. No tender will be considered unless it is made on a form obtainable from the Treasury.

5. The persons whose tenders are accepted will be informed accordingly on the following day and payment in full of the amounts of the accepted tenders must be made to the Accountant General by means of cash or cheques on a local bank not later than 10 a.m. on the date on which the relative Bills are dated.

6. Il-Gvern iżomm id-dritt li ma jaċċetta l-ebda offerta.

It-2 ta' Diċembru, 1987
(Treas. 1097/87)

6. The Government reserves the right of not accepting any tender.

2nd December, 1987

**Eżami għar-Reklutaġġ ta' Kuntistabbli Pulizija Nisa**

Eżami kompetitiv għandu jsir ma jdumx għar-reklutaġġ ta' Pulizija Nisa bi Prova biex jimtlew għadd limitat ta' vakanzi fil-Korp tal-Pulizija ta' Malta.

Il-post ta' Kuntistabbli tal-Pulizija għandu salarju ta' Lm1,997 fis-sena li jitla' b'żidiet fis-sena ta' Lm40 sa Lm2,117 u b'żidiet oħra ta' Lm54 sa Lm2,420 bi grad ta' effiċjenza meta jintlaħaq Lm2,117.

Il-kandidati għandhom: —

(a) ikunu ċittadini ta' Malta;

(b) ikunu ta' l-anqas 1.60m twal meta jitkejlu ħafjin;

(ċ) ikunu ta' karattru morali tajjeb;

(d) ikunu għalqu t-tmintax-il (18) sena iżda ma jkunux għalqu t-tletin (30) sena fit-12 ta' Diċembru, 1987;

(e) ikunu ħielsa minn kull difett fiżiku jew mentali jew mard li jista' jfixkilhom fil-qadi sewwa ta' dmirijiethom; għandu jkollhom vista normali taż-żewġ għajnejn mingħajr nuċċali u/jew *contact lenses* u l-ebda imperfezzjoni fis-sens tal-kulur. Ir-regoli biex tiġi determinata l-kompetenza viżwali tal-kandidati għall-Korp tal-Pulizija ta' Malta jidhru fl-Avviż Legali Nru. 14 ta' l-1960 kif emendati bl-Avviż Legali Nru. 89 ta' l-1978.

L-eżami se jikkonsisti fi: —

L-EWWEL PARTI — Intervista u Eżami ta' xeħta

IT-TIENI PARTI — Eżami Mediku

IT-TIELET PARTI — Eżami bil-miktub

L-EWWEL PARTI — Intervista u Eżami ta' xeħta
(Massimu 100, Minimu 50)

Maħsuba biex ikunu magħrufa dawk il-kwalitajiet personali f'kandidat bħalma huma personalità, sveltezza, intelliġenza, eċċ., li mhux bil-fors jidhru f'eżami bil-miktub.

IT-TIENI PARTI — Eżami Mediku

Dawk il-kandidati biss li jgħaddu mill-Eżami Mediku jitħallew joqogħdu għall-eżami bil-miktub.

**Examination for Recruitment of Women Police Constables**

A competitive examination for the recruitment of Probationary Women Police Constables will be held shortly to fill a limited number of vacancies in the Malta Police Force.

The Post of Police Constable carries a salary of Lm1,997 per annum rising by annual increments of Lm40 to Lm2,117 and by further increments of Lm54 to Lm2,420 with an efficiency bar at Lm2,117.

Candidates must: —

(a) be citizens of Malta;

(b) be of minimum height of 1.60m standing in their bare feet;

(c) be of good moral character;

(d) have attained their eighteenth (18) birthday but not their thirtieth (30) birthday on the 12th December, 1987;

(e) be free from physical or mental defect or disease likely to interfere with the proper discharge of their duties; they must have normal vision of both eyes without spectacles and/or contact lenses and no imperfection of the colour sense. The rules for determining visual competency of candidates for the Malta Police Force are in Legal Notice No. 14 of 1960 as amended by Legal Notice No. 89 of 1978.

The examination will consist of: —

PART I — Interview and Aptitute Test

PART II — Medical Test

PART III — Written Test

PART I — Interview and Aptitute Test
(Maximum 100, Minimum 50)

Designed to bring to the fore these personal qualities in a candidate such as personality, alertness, intelligence, etc., which do not necessarily show up in a written test.

PART II — Medical Test

Only candidates who pass the Medical Test will be allowed to sit for the written examination.

IT-TIELET PARTI — Eżami bil-Miktub

L-eżami bil-miktub se jsir f'dawn is-suġġetti: (Mass. 100, Min. 50 f'kull suġġett).

(a) Malti

(b) Ingliz

(ċ) Tagħrif Ġenerali u *Current Affairs*

(d) *Typewriting*

(a) Malti

*Essay*

Traduzzjoni mill-Ingliż għall-Malti u kitba ta' ittri.

(b) Ingliż

*Essay*

Traduzzjoni mill-Malti għall-Ingliż

(ċ) Tagħrif Ġenerali u *Current Affairs*

(d) *Typewriting* — Eżami ta' ħeffa (ta' mhux anqas minn 45 kelma fil-minuta) kupjar ta' manuskritti u kitba bit-*tabular*. Il-kandidati jridu jġibu t-*typewriter* magħhom.

Kondizzjonijiet: —

(a) ikunu meħtieġa li jippreżentaw iċ-ċertifikati neċessarji qabel ma jiġu ingaġġati.

(b) ikunu eliġibbli għal nomina biex jimlew vakanzi li jinqalgħu f'perijodu ta' tnax-il xahar mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżultat finali ta' l-eżami;

(ċ) il-kandidati li huma marbuta bi ftehim ta' apprendistat ma jitħallewx jieħdu n-nomina kemm-il darba ma jiksbux mingħand id-Direttur tax-xogħol ċertifikat li juri li huma ma jkunux għadhom marbutin b'dan il-ftehim;

(d) Dan l-eżami huwa miftuħ għal kandidati nisa u l-formoli ta' l-applikazzjoni, dawk biss li jintlaqgħu, jistgħu jinkisbu mit-Taqsima ta' l-Impjegati, Uffiċċju Prinċipali tal-Pulizija, il-Furjana, sa mhux aktar tard minn nhar is-Sibt, it-12 ta' Diċembru, 1987, matul il-ħinijiet normali ta' l-uffiċċju, inklużi s-Sibtijiet bejn it-8.00 a.m. u n-12.30 p.m. Żewġ ritratti daqs tal-passaport għandhom jiġu preżentati wkoll ma' l-applikazzjoni. Dawk li diġà applikaw għandhom jerġgħu japplikaw.

It-2 ta' Diċembru, 1987

PART III — Written Test

The written examination will be held in the following subjects: (Max. 100, Min. 50 in each subject).

(a) Maltese

(b) English

(c) General Knowledge and Current Affairs

(d) Typewriting

(a) Maltese

Essay

Translation from English to Maltese and letter writing.

(b) English

Essay

Translation from Maltese to English.

(c) General Knowledge and Current Affairs.

(d) Typewriting — Speed Test (at least 45 words per minute) copying of manuscripts and drawing up of tabular statements. Candidates are to provide their own machines.

Conditions: —

(a) shall be required to produce the necessary certificates prior to engagement;

(b) shall be eligible for appointment to fill vacancies occurring within a period of twelve months from the date of the publication of the final result of the examination;

(c) Candidates who are bound by an agreement of apprenticeship shall be precluded from appointment unless they obtain from the Director of Labour a certificate of their release from the agreement;

(d) This examination is open to female candidates and application forms, the only ones admissible, may be obtained from the Personnel Section, Police General Headquarters, Floriana, by not later than Saturday, 12th December, 1987, during normal office hours, including Saturdays between 8.00 a.m. and 12.30 p.m. Two recent passport size photographs are to be presented with the application. Those who have already applied are to re-apply.

2nd December, 1987

**Spiżeriji li Jiftħu l-Ħadd**

Għandha ssir l-emenda li ġejja fil-lista ta' Spiżeriji li għandhom jiftħu nhar ta' Ħadd, ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern:—

VALLETTA, IL-FURJANA
**It-Tlieta, it-8 ta' Diċembru, 1987**

*Ħassar*
Kingsway Pharmacy,
291, Triq ir-Repubblika,
Valletta.

*Daħħal*
Empire Pharmacy Branch,
46, Triq Melita,
Valletta.

IR-RABAT, ĦAD-DINGLI

*Ħassar*
Central Pharmacy,
6, Triq San Ġusepp,
Ħal Luqa.

*Daħħal*
Central Pharmacy,
Triq Santa Rita,
Ir-Rabat.

It-2 ta' Diċembru, 1987

**Dispensaries to Open on Sundays**

The following amendment should be made to the list of Dispensaries to open on Sundays, published in the Government Gazette:—

VALLETTA, FLORIANA
**Tuesday, 8th December, 1987**

*Delete*
Kingsway Pharmacy,
291, Republic Street,
Valletta.

*Insert*
Empire Pharmacy Branch,
46, Melita Street,
Valletta.

RABAT, DINGLI

*Delete*
Central Pharmacy,
6, St. Joseph Street,
Luqa.

*Insert*
Central Pharmacy,
St. Rita Street,
Rabat.

2nd December, 1987

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni — Kastilja — *Published by the Department of Information — Kastilja*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*